MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta ta' l-1 ta' Frar, 2008

Appell Civili Numru. 99/1993/1

**Flavia mart Saviour Cassar, Michelina armla ta’ Paul Grech li tidher ghan-nom u in rapprezentanza ta’ l-imsiefra Gladys mart Gregory Vella, Joseph Grech u Francesca Galea**

**v.**

**Carmelo Muscat u ghal kwalunkwe interess li jista’ jkollha Maria mart l-istess Carmelo Muscat, Rose mart John Caruana li tidher ghan-nom u in rapprezentanza ta’ l-imsiefer zewgha John Caruana oltre li f’isimha proprju**

**Il-Qorti:**

**PRELIMINARI**

1. Dan hu appell ad istanza ta’ l-atturi appellanti minn sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex), Gurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Generali, fit-30 ta’ Novembru 2004 fil-kawza fl-ismijiet premessi li fiha gie ritenut u deciz hekk:

“Il-Qorti;

”Rat ic-citazzjoni fejn l-atturi wara li ppremettew illi Francesca Galea, l-ahwa Grech cioe’ Gladys Vella, Joseph Grech u Flavia Cassar ulied il-mejjet Pawlu Grech, huma eredi flimkien mal-konvenuti Maria Muscat u Rose Caruana tal-mejtin Vincent Grech u Loreta Grech (nee’ Debono) li mietu rispettivament fit-22 ta’ Dicembru 1990 u 17 ta’ April 1993.

“Illi b’kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Joseph Spiteri tal-25 ta’ Lulju 1986 (Dok A) l-imsemmi Vincent Grech ikkonceda b’titolu ta’ cens perpetwu a favur tal-konvenuti Carmelo Muscat u Vincent Caruana bis-somma ossia korrispettiv miseru ta’ tmienja u disghin lira Maltin (Lm98) fis-sena l-fond numru erbgha u tletin ittra A (34A) Triq Sant’Antnin, Ghajnsielem, Gozo b’zewg gardini retrostanti, wahda ta’ 67 metru kwadru u l-ohra ta’ 605 metri kwadri u kollox imiss mill-punent mat-triq Sant’Antnin, grigal mal-proprjeta’ tal-kumpanija Gramieri Development Company Limited, jew is-successuri taghha fit-titolu, u tramuntana in parti ma’ sqaq privat u in parti mal-beni tal-attrici Francesca Galea.

“Illi dan il-fond jikkomprendi l-maggor parti tal-wirt tal-mejtin Vincent u Loreta konjugi Grech u l-istess kuntratt sar b’qerq u b’ingann, bi frodi ghad-drittijiet ereditarji ta’ l-atturi, huwa rizultat ta’ vjolenza morali u pressjoni adoperata fuq il-koncedenti u fi kwalunkwe kaz, huwa simulat, u sar unikament bl-intenzjoni li jcahhad lill-atturi mid-drittijiet ereditarji taghhom.

“Illi l-atturi jridu li dan il-kuntratt jigi rexiss u annullat.

“Talbu li din il-Qorti:

“1. tiddikjara li l-kuntratt ta’ koncessjoni enfitewtika perpetwa in atti Nutar Dottor Joseph Spiteri tal-25 ta’ Lulju 1986 li bih Vincent Grech ikkonceda lill-konvenuti Carmelo Muscat u Vincent Grech il-fond fuq imsemmi huwa rizultat ta’ qerq u ngann, sar bi frodi ghad-drittijiet ereditarji ta’ l-atturi, huwa rizultat ta’ vjolenza morali u pressjoni adoperata fuq il-koncedenti u huwa simulat.

“2. Konsegwentement tordna r-rexissjoni ta’ l-istess kuntratt.

“Bl-ispejjez komprizi dawk tal-mandat ta’ inibizzjoni tal-24 ta’ Gunju 1993 kollha kontra l-konvenuti li jibqghu minn issa mharrka ghas-subizzjoni.

"Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti debitament guramentata, il-lista tax-xhieda u d-dokumenti esebiti.

“Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet ta’ Carmelo Muscat, Maria mart l-istess Carmelo Muscat u ta’ Rose mart John Caruana f\’isimha proprio et nomine fejn eccepew:

“1. illi fl-ewwel lok ghandha tigi esebita l-prokura ta’ Gladys mart Gregory Vella.

“2. Illi fit-tieni lok ic-citazzjoni odjerna hija konfuza u d-domandi huma redatti b’mod lankoniku ghall-ahhar b’tali mod u manjera illi ma huwiex possibbli ghall-konvenuti li jiddeterminaw il-bazi ta’ l-azzjoni attrici;

“3. Illi sussidjarament il-konvenuti m’ghandhom l-ebda dritt li jimpunjaw kuntratt bejn zewg persuni kontraenti, meta ghal dan l-att pubbliku, l-istess atturi kienu terzi persuni. Illi ghalhekk l-istess atturi ghandhom nuqqas ta’ interess guridiku li jimpunjaw kontrattazzjoni li ghaliha huma kienu biss terzi, liema kuntratt ta’ enfitewsi perpetwa tal-hamsa u ghoxrin (25) ta’ Lulju 1986 kien ghall-atturi *res inter alios acta*.

“4. Illi ghalhekk la darba l-istess atturi ma kellhom l-ebda interess guridiku attwali u dirett li jagixxu fil-mument li saret il-kontrattazzjoni in kwistjoni u dana peress illi fil-mument li sar il-kuntratt in kwistjoni, l-istess atturi ma kellhom l-ebda drittijiet ereditarji x’jipprotegu ghaliex fil-mument li sar il-kuntratt l-atturi ma kinux eredi, la l-*actio jew exceptio doli*, la l-*actio pauliana* u wisq anqas l-azzjoni bbazata fuq is-simulazzjoni ma huma azzjonijiet miftuha ghall-atturi u dana peress illi l-*actio jew exceptio doli*, ibbazata fuq ingann jew qerq hija miftuha biss ghal dawk li kkuntrattaw u kienu parti ghall-ftehim u sabu ruhhom il-vittma tal-att *dolus* tal-parti opposta, l-*actio pauliana* tehtieg il-frodi sewwa tad-debitur kif ukoll tat-terz akkwirent u f’dan il-kaz wiehed ma jistax jinkwadra lill-mejtin Vincent u Loreta Grech fil-posizzjoni ta’ debituri fil-konfront ta’ uliedhom l-atturi odjerni u dana peress illi fil-mument li sar il-kuntratt ta’ enfitewsi perpetwa tal-hamsa u ghoxrin ta’ Lulju 1986 - atti Nutar Joseph Spiteri, il-konjugi Grech bl-ebda mod u manjera ma kienu b’xi mod debituri lejn uliedhom, l-atturi odjerni u dana peress illi kuntrarjament ghal dak li hemm allegat fic-citazzjoni odjerna id-drittijiet ereditarji ta’ l-atturi u b’mod specjali d-dritt ghal-legittima taghhom bdew mal-mewt tal-genituri taghhom u mhux mad-data tal-koncessjoni enfitewtika, fil-waqt li l-azzjoni bbazata fuq is-simulazzjoni tispetta l-partijiet kontraenti jew lil min kellu interess guridiku li jagixxi fil-mument tal-kuntratt.

“5. Illi fi kwalunkwe kaz, ma jirrizulta l-ebda qerq, ingann u frodi ghad-drittijiet ereditarji ta’ l-atturi, kif lanqas jirrizulta l-ebda vjolenza morali u pressjoni adoperata fuq il-koncedenti u lanqas ma jirrizulta l-ebda simulazzjoni.

“6. Salvi eccezzjonijiet ohra fid-dritt u fil-fatt.

“Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti guramentata u l-lista tax-xhieda u d-dokumenti esebiti.

“Ikkunsidrat:

“L-atturi permezz ta’ din l-azzjoni qeghdin jimpunjaw kuntratt ta’ enfitewsi perpetwa li sar fil-25 ta’ Lulju 1986

atti Nutar Joseph Spiteri u qed isaqsu ghar-rexissjoni tieghu. Il-kuntratt in kwistjoni jirreferi ghall-koncessjoni enfitewtika in perpetwu tal-fond 34A, Triq Sant'Antnin, Ghajnsielem maghmul minn Vincent Grech u martu Loreta lil Carmelo Muscat u Rose mart John Caruana, konvenuti fil-kawza.

"Issa l-atturi huma fost l-ulied tal-koncedenti ta' l-enfitewsi perpetwa, illum mejtin, li skond l-atti jirrizultaw li kienu erbgha cioe' l-attrici Frangiska u l-armla ta' Pawlu flimkien mat-tliet uliedha, jigifieri, l-armla Michelina u uliedha Flavia mart Saviour Cassar, Gladys mart Gregory Vella u Joseph Grech u l-konvenuti Rose mart Giovanni Caruana u Marija mart Carmelo Muscat.

"Mit-testment unica charta taghhom, atti Nutar Giuseppe Cauchi bid-data tat-22 ta' Settembru 1983 (folio 27) jirrizulta li l-imsemmija konjugi Grech kienu hallew lil erba' uliedhom werrieta universali fi kwoti indaqs u bl-ezenzjoni tal-kollazzjoni u ordnaw prelegat favur Rosie Caruana u Marija Muscat fi kwoti ugwali "tal-lok tad-djar, abitazzjoni tat-testaturi, fin-numru 34A u bieb iehor, minghajr numru, fi Triq Sant'Antnin, Ghajnsielem, bil-gardina kollha li hemm annessa mieghu", *a limine intus* kif hemm spjegat, u prelegat iehor favur iz-zewg ulied l-ohra Frangiska Galea u Pawlu, fi kwoti ugwali bejniethom, tal-flus kollha u hija ezistenti barra mid-dar f'kull post inkluzi kull stocks u bonds appartenenti lit-testaturi.

"Illi l-fond deskritt u prelegat kif hawn fuq huwa l-fond li cirka tliet snin wara l-imsemmija konjugi Grech ittrasferew b'enfitewsi perpetwa lill-imsemmija Rosie Caruana u Carmelo Muscat, zewg binthom l-ohra Marija. Huwa dan il-kuntratt ta' enfitewsi li qieghed jigi impunjat. Il-bazi ta' l-impunjazzjoni u konsegwenti talba ghar-rexissjoni huma li l-kuntratt sar b'qerq u ingann, sar bi frodi ghad-drittijiet ereditarji ta' l-atturi, li huwa rizultat ta' vjolenza morali u pressjoni adoperata fuq il-koncedenti, ossija l-konjugi Grech, u li l-kuntratt huwa simulat.

"Il-konvenuti opponew b'numru ta' eccezzjonijiet li sintetikament jistghu jigu raggruppati kif hawn taht:

"1. li c-citazzjoni hi konfuza u mhux possibbli li jigi determinat il-bazi ta' l-azzjoni;

"2. li ma hemm ebda sostenn ghall-azzjoni stante li l-kuntratt kien *res inter alios acta* ghall-atturi;

"3. li jonqos fl-atturi l-interess guridiku attwali u dirett billi meta sar il-kuntratt ma kellhom ebda drittijiet ereditarji x'jipprotegu stante li ma kinux allura eredi u konsegwentement mhux disponibbli lilhom, la l-*actio* jew *exception doli*, la l-*actio pauliana* u lanqas l-azzjoni bazata fuq is-simulazzjoni.

"4. li fi kwalunkwe kaz mhux minnu li l-att sar b'qerq u ingann u/jew b'rizultat ta' vjolenza morali.

"Intant l-aspetti guridici u in kontestazzjoni gew ezaminati u approfonditi fiz-zewg relazzjonijiet inseriti in atti; l-ewwel wahda mill-perit legali hemm nominat l-Avukat Grazio Mercieca u sussegwentement mill-periti legali perizjuri l-Avukati Joseph Micallef Stafrace, Anthony Ellul u Edwina Grima. Ir-relazzjonijiet rispettivi jinsabu folio 115 et seq u folio 311 et seq.

"Illi wara kunsiderazzjoni minuzjuza taz-zewg relazzjonijiet redatti mill-abbli periti legali rispettivament li koprew u trattaw ezawrjentement il-punti legali u fattwali involuti, izda li waslu ghall-opinjonijiet opposti, din il-Qorti issib li anke fuq bazi purament legali l-azzjoni ta' l-atturi mhix fondata u konsegwentement ma tistax tirnexxi kif ben tajjeb irrelataw il-periti addizjonali. Tabilhaqq, l-azzjoni hija ukoll proceduralment monka u virtwali billi tikkontjeni azzjonijiet differenti u mhux rikonciljabbli ma' xulxin.

"Inghad dan ghalhekk il-Qorti qeghdha tadotta fl-intier r-relazzjoni tal-periti addizjonali u konsegwentement qeghda tichad it-talbiet ta' l-atturi bl-ispejjez kontra taghhom."

## <u>L-APPELL TA' L-ATTURI PROPRIO ET NOMINE</u>

2.1. L-atturi proprio et nomine hassewhom aggravati bis-sentenza surreferita moghtija mill-Qorti ta’ l-ewwel grad u talbu li din il-Qorti.
“... tannulla s-sentenza appellata tat-30 ta’ Novembru 2004 u sussidjarjament tirrevoka l-istess sentenza u tilqa’ t-talbiet attrici bl-ispejjez kontra l-konvenuti appellati.”

2.2. F’dana l-istadju jkun tajjeb li jigi osservat li kien ikun ferm ahjar, ghal fini ta’ precizjoni u korrettezza procedurali, li kieku l-atturi indikaw b’mod shih kemm isimhom kif ukoll lil min qeghdin jirrapprezentaw fir-rikors ta’ appell li huma pprezentaw ghall-konsiderazzjoni ta’ din il-Qorti.

2.3. L-aggravji ta’ l-atturi proprio et nomine jistghu jigu migbura, in sintesi, bil-mod segwenti:-
(i) <u>Nullita` tas-sentenza ta’ l-ewwel Qorti</u>
L-appellanti proprio et nomine jissottomettu li s-sentenza appellata hija nulla minhabba li ma tissodisfax il-vot ta’ l-Artikolu 218 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta u dana billi l-ewwel Qorti naqset milli taghti r-ragunijiet li fuqhom hija bbazat id-decizjoni taghha. Il-motivazzjoni trid tkun wahda manifesta u b’mod li tinftiehem. Fil-kaz in ezami, ighidu l-appellanti, is-sentenza emessa mill-ewwel Qorti hija wahda monka u insufficjenti biex tissodisfa l-vot tal-ligi.

(ii) <u>Kawzali Alternattivi</u>
Fil-kaz in ezami, jghidu l-appellanti proprio et nomine, it-talba taghhom kienet “ghar-rexissjoni tal-kuntratt” u dan in kwantu l-kuntratt *de quo* kien “rizultat ta’ qerq u ingann, ta’ vjolenza morali u pressjoni adoperata fuq il-koncedenti”. Il-kawzali ta’ simulazzjoni ssemmiet fic-citazzjoni b’mod sussidjarju.

(iii) <u>Aggravju fil-Mertu</u>
Skond l-appellanti, mill-assjem tal-provi migbura, ghandu jirrizulta b’mod car illi:
“... il-konvenuti ezercitaw pressjoni kbira fuq il-mejjet Vincent Grech sabiex isir il-kuntratt tac-cens datat 25 ta’ Lulju 1986.”

Dan mhux biss johrog mix-xhieda li gew prodotti imma wkoll minn analizi ta' l-ammont tac-cens li l-konvenuti kellhom ihallsu fis-sena, jigifieri f'ammont ta' flus li ghandu jitqies bhala wiehed "mizeru (u) li jistona mal-valur li l-fond igib fuq is-suq".

**IR-RISPOSTA TAL-KONVENUTI PROPRIO ET NOMINE GHAR-RIKORS TA' L-APPELL**

3.1. Il-konvenuti appellati proprio et nomine wiegbu li s-sentenza appellata kienet wahda gusta u li timmerita konferma, u dana bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellanti.

3.2. Il-konvenuti ccitaw partijiet saljenti mis-sentenza appellata biex juru li m'huwiex korrett li jinghad li l-ewwel Qorti ma tatx ragunijiet sufficjenti li wassluha ghas-sentenza taghha. Fil-fatt jirrizulta li l-ewwel Qorti ddikjarat li kienet taqbel ghal kollox ma' dak li qalu l-periti addizzjonali fir-relazzjoni tghhom – liema relazzjoni kienet wahda "ezawrjenti u erudita". L-ewwel Qorti, gustament, ma kellhiex ghalfejn toqghod tirrepeti mill-gdid dak kollu li kitbu u rrelataw dwaru l-periti addizzjonali fir-relazzjoni taghhom.

3.3. Dwar it-tieni aggravju, l-appellati proprio et nomine jsostnu li fic-citazzzjoni taghhom mhux biss l-atturi taw kawzali alternattivi u kontradittorji imma
"Ghamlu wkoll tlett kawzi (sic) kontraddittorji fl-istess hin b'mod illi wiehed ma jafx sewwa x'qed jippretendu u fuq liema bazi".

3.4. Dwar il-valutazzjoni tal-fond u l-fatti konkomitanti, l-appellati jsostnu li kulma sar kien jirrispekkja kif kienu graw l-affarijiet fil-konfront tad-*decujus*, jigifieri dak,
"illi l-konvenuti kienu l-unici mill-ulied tal-konjugi Grech li jiehdu hsiebhom u jipprestawlhom is-servizzi u baqghu hekk jaghmlu sakemm dawn mietu. Ghalhekk riedu b'xi mod ipattulhom ta' dak li kienu qed jaghmlu maghhom..."

**KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI**

4. Din il-Qorti, wara li ezaminat l-atti kollha tal-kawza, is-sentneza appellata, kif ukoll hadet kont tas-sottomissjonijiet kemm ta' naha u kemm ta' ohra, hija tal-fehma li t-talba ta' l-appellanti proprio et nomine limitatament ghall-annullament tas-sentenza kif moghtija mill-ewwel Qorti, u mhux ukoll tat-talba sussidjarja kif dedotta, timmerita li tigi milqugha, u dan ghar-ragunijiet li ser jinghataw.

5. Fl-ewwel lok ghalkemm hu minnu li minn qari tas-sentenza appellata jirrizulta sufficjentement illi l-ewwel Qorti kienet qeghda taqbel ma' u taddotta fl-intier dak kollu li kkonkludew fir-relazzjoni taghhom pprezentata mill-periti addizzjonali u indikat ukoll li din tinsab a "fol. 311 *et seq*" (sic), minn imkien ma jirrizulta li din ir-relazzjoni, jew ahjar il-parti relattiva, giet effettivament inkorporata bhala parti integrali mas-sentenza moghtija.

6.1. Pero`, apparti dan, hemm ukoll ragunijiet aktar serji li jimminaw il-validita` legali ta' l-istess sentenza kif emessa. Meta l-ewwel Qorti rriferiet ghaz-zewg relazzjonijiet li gew sottomessi ghall-kunsiderazzjoni taghha, hija esprimiet ruhha fis-sens li hija waslet ghad-decizjoni finali taghha in kwantu l-periti gudizzjarji kienu:
"... koprew u trattaw ezawrjentement il-punti legali u fattwali involuti, izda li waslu ghall-opinjonijiet opposti,"

u li, in vista ta' dan,
"issib li anke fuq bazi purament legali l-azzjoni ta' l-atturi mhix fondata u konsegwentement ma tistax tirnexxi kif ben tajjeb irrelataw il-periti addizzjonali."

6.2. Issa ghalkemm m'hemmx dubbju li kemm l-ewwel perit gudizzjarju, kif ukoll dawk addizzjonali,ipprovaw kemm jista' jkun ikopru l-maggoranza tal-punti ta' kontestazzjoni sollevati mill-partijiet, jidher ovvju li l-eccezzjoni ulterjuri dwar in-nullita` ta' l-att tac-citazzjoni in kwantu t-talba hija wahda konfuza, u kwindi irritwali, kif ukoll il-punt sollevat mill-atturi stess dwar jekk tali eccezzjoni ulterjuri kellhiex tigi sollevata biss "*in limine litis*" baqghu ma gewx indirizzati. Konxja minn tali

mankanza, fir-rigward ta' din l-eccezzjoni ulterjuri l-ewwel Qorti ghaddiet biex tippronunzja ruhha dwarha hekk:
"Tabilhaqq, l-azzjoni hija wkoll proceduralment monka u virtwali billi tikkontjeni azzjonijiet differenti u mhux rikonciljabbli ma' xulxin". (sottolinear tal-Qorti).

6.3. Issa li kieku rrizulta li l-kawza in ezami giet ikkontestata biss fil-meritu u fuq aspetti ta' fatt, allura forsi seta' kien il-kaz li din il-Qorti tara jekk hemmx elementi tajbin bizzejjed li jiggustifikawha li "ssalva" l-gudikat fl-interess suprem tal-gustizzja, imma ma jidhirx li dan huwa possibbli.

7. Jirrizulta, invece, li fi stadju ferm qabel, il-parti konvenuta kienet gia` eccepiet (ara nota ta' eccezzjonijiet ulterjuri, a fol. 67 tal-process) li c-citazzjoni promotorja kienet tikkontjeni nuqqas gravi, ta' indole legali, li, jekk jirrizulta li kien fondat, kien bizzejjed biex wahdu jirrendi l-azzjoni attrici bhala wahda improponibbli u, kwindi, nulla.

Isegwi wkoll li tali nullita`, jekk din l-eccezzjoni kienet fondata, kellha twassal lill-ewwel Qorti biex din tillibera lill-parti eccipjenti mill-osservanza tal-gudizzju.

8. Gara pero` li minflok ma l-ewwel Qorti agixxiet u mxiet b'dan il-mod, din ghazlet – erronjament fil-fehma konsidrata ta' din il-Qorti – li "tikkonfondi" flimkien kemm l-aspetti legali kif ukoll dawk fattwali tal-vertenza, minghajr ma l-ewwel Qorti qieset jekk (1) l-azzjoni kif proposta mill-atturi kenitx tassew nulla jew le u (ii) jekk l-eccezzjoni ulterjuri relattiva setghetx titqajjem meta l-kawza kienet gia` bdiet tinstema'. Ma jaghmel ebda sens, minn punto di vista ta' dritt, li decizjoni li takkolji eccezzjoni dwar in-nullita` ta' l-azzjoni tinghata flimkien u sussidjarjament ma' decizjoni fil-meritu.

9. Lanqas ma jista' jinghad li l-partijiet infushom ma kenux qanqlu dibattitu precizament dwar din il-pregudizzjali. Fil-fatt, minn ezami akkurat ta' l-atti, jirrizulta li hekk kif iddahlet in-nota ta' eccezzjonijiet ulterjuri min-naha konvenuta, l-atturi proprio et nomine kienu pronti jipprezentaw rikors (ara fol. 77 tal-process)

fejn sahansitra talbu lill-ewwel Qorti biex din titratta proprju tali eccezzjoni u dan ukoll bis-sospensjoni ta' l-ewwel inkarigu peritali in kwantu huma kien jidhrilhom li:

"... mhux spedjenti li titkompla tinstema' minghajr ma tigi trattata din l-eccezzjoni, liema eccezzjoni ma kellha qatt tinghata f'dan l-istadju."

Ghal dan ir-rikors, il-kontroparti konvenuta wiegbet (ara fol. 84) *inter alia* li l-perit legali seta' jibqa' ghaddej u jiddeciedi l-eccezzjonijiet kollha, inkluzi dawk ulterjuri, u t-talba ghas-sospensjoni fil-fatt giet michuda.

10. Wara li l-ewwel perit gudizzjarju pprezenta r-relazzjoni tieghu li kienet sfavorevoli ghat-tezi tal-konvenuti, u dawn talbu n-nomina ta' periti addizzjonali, per via ta' kritika ghal dak li rrelata l-ewwel perit, huma osservaw hekk (ara fol. 259, it-tielet paragrafu),
"Illi t-talba ta' l-atturi fil-fatt hija proprju dan cioe` kontradittorja, ghaliex dawn talbu dikjarazzjoni 'illi l-kuntratt ta' koncessjoni jigi dikjarat li huwa rizultat ta' qerq u ngann, sar bi vjolenza morali u pressjoni adoperata fuq il-koncedenti u huwa simultat: kif jistghu jiddefendu ruhhom il-konvenuti kontra t-talba ta' l-atturi meta f'nifs wiehed qed jitolbu dikjarazzjoni li tinkludi tlett azzjonijiet li huma in kontradizzjoni ma' xulxin. L-aqwa prova ta' kemm hija mhawwda c-citazzjoni kif redatta hija l-kontradizzjoni madornali li sab ruhu fiha l-perit legali."

11. Illi ghalhekk ma hemmx dubbju illi skond il-konvenuti appellati c-citazzjoni kif redatta hija nulla. Gara izda li appena l-periti addizzjonali, u warajhom l-ewwel Qorti, ikkonkludew bil-maqlub ta' dak li kkonkluda originarjament l-ewwel perit gudizzjarju, u b'mod allura li t-talbiet attrici gew respinti, l-istess konvenuti proprio et nomine appellati konvenjentement ghalihom "insew" l-insistenza taghhom dwar l-irritwalita` u n-nullita` ta' l-att tac-citazzjoni promotorja u ppreferew li jkollhom konferma tad-decizjoni moghtija mill-ewwel Qorti.

12. Hija ghalhekk il-fehma ta' din il-Qorti li huwa kollu inutli, kemm ghal naha u kemm ghal ohra, li din il-Qorti

tidhol f'analizi u taghmel evalwazzjoni tal-provi prodotti, qabel ma l-ewwel nett jigi deciz jekk l-atturi proprio et nomine setghux validament jipproponu kawza ghal fini ta' rexissjoni in konsegwenza ta' dikjarazzjoni (hekk ara l-ewwel talba fl-att tac-citazzjoni) li l-kuntratt *de quo*,
"huwa rizultat ta' qerq u ngann, sar bi frodi ghad-drittijiet ereditarji ta' l-atturi, huwa rizultat ta' vjolenza morali u pressjoni adoperata fuq il-koncedenti u huwa simulat."

Jekk l-eccezzjoni sollevata mill-konvenuti proprio et nomine riferribbilment ghall-mod kif giet redatta l-ewwel talba hija eccezzjoni fondata, allura jsegwi li l-ewwel Qorti kellha tieqaf hemm u tillibera lill-parti eccipjenti mill-osservazzjoni tal-gudizzju, imma certament mhux bil-mod kif gara f'dan il-kaz. Lanqas jispetta lil din il-Qorti li tiddeciedi hi fl-ewwel lok dwar il-fondatezza o meno ta' l-imsemmija eccezzjoni ghaliex jekk taghmel dan tkun qeghda tippriva ingustament lill-partijiet mill-beneficcju tad-doppju ezami. *Multo magis* lanqas ma huwa l-kaz li din il-Qorti tinvesti hi l-mertu kif giet mitluba *in subsidium* mill-parti appellanti.

Ghal dawn il-motivi, tiddeciedi billi tilqa' *in parte* l-appell ta' l-atturi proprio et nomine in kwantu qeghda, ghar-ragunijiet fuq imsemmija, thassar u tirrevoka s-sentenza appellata kif moghtija mill-ewwel Qorti, b'dana li tordna li l-atti jigu rimessi quddiem l-ewwel Qorti sabiex, konformement ma' din id-decizjoni, tghaddi ghad-decizjoni taghha skond il-ligi.

Fic-cirkostanzi, l-ispejjez ta' dana l-appell ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------